MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 172/2010

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Pierre Calleja)**
**Vs**
**Frank Farrugia**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Lulju 2000 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. fil-Pieta', mill-'Provision Stores' fl-Isptar San Luqa, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamel użu ħażin minn flejjes tal-gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti, jew ħwejjeg mobbli, li kienu fdati lilu

minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, jew seraqhom għal vantaġġ privat tiegħu – artikolu 127 tal-Kap 9;

2. talli fl-istess perjodu fil-Pieta', ikkommetta serq ta' diversi oġġetti tal-ikel mill-'Provision Stores' ta' l-Isptar San Luqa, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf Lira Maltin (Lm1,000), lok u persuna u li sar għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex dan ir-reat ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;
3. –omissis-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' April, 2010, li biha ddikjarat lill-appellat mhux hati u lliberatu minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' April, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena kontra tiegħu skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant irċieva l-atti tal-kawża w ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċiżjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat u irraġjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha u dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni minnha milħuqa (li tiddikjara lill-imputat mhux ħati) stante li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellat kien wettaq ir-reati imputati lilu. U

għalhekk l-esponent qed jinterponi dan l-umli appell ai termini ta’ l-artikolu 413(c) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-umli fehma tal-esponent, kemm l-evidenza diretta tax-xiehda li xehdu f’dan il-każ, kif ukoll l-evidenza indiretta juru li l-verżjoni tal-fatti relatati minn Nazzareno sive Ronald Xerri f’dan il-każ kienu veritjieri. L-esponent jemmen li, in bazi ghall-provi prodotti, l-akkużi jinsabu ppruvati fil-grad rikjest mil-Ligi. Dan qed jinghad, inter alia, ghar-ragunijiet segwenti :

L-ewwelnett ġie pruvat li l-imputat appellat huwa impjegat pubbliku li kellu fdati f’idejh l-oġġetti misjuba fil-Provisions Stores tal-Isptar San Luqa. Dawn l-oġġetti misjuba f’dawn l-istores huma proprjeta’ tal-Gvern ta’ Malta. L-imputat kien il-persuna, ossia l-ufficjal pubbliku inkarigat mill-Provisional Stores fir-rigward tal-perjodu kollu kopert mill-ipotezi tar-reat kontinwat f’dan il-kaz.

Oltre minn hekk jirriżulta kemm mix-xiehda ta’ Nazzareno sive Ronald Xerri kif ukoll mill-filmat esebit fl-atti ta’ dan il-każ li fil-fatt l-imputat appellat kien involut b’ruħu u b’ġismu f’din is-serqa tal-oggetti u provvisti mill-Provisional Stores tal-Isptar San Luqa.

Nazzareno sive Ronald Xerri xehed kemm a fol 125 u kif ukoll a fol 161 estensivament dwar l-involviment rispettiv tiegħu u tal-imputat appellat f’din is-serqa. Jispjega b’mod konsistenti li huwa u l-imputat kienu jisirqu diversi oġġetti minn dawn l-istores b’mod li Nazzareno sive Ronald Xerri jbiegħhom lil terzi, b’dan li l-qliegħ minn dan il-bejgħ jinqasam 25% u 75% bl-akbar ammont imur f’but l-imputat appellat. Huwa jagħraf mhux biss lilu nnifsu fil-filmati li gew esibiti, iżda wkoll lill-imputat appellat li kien ko-awtur ta’ dan is-serq.

Il-Prosekuzzjoni ttenni li l-verzjoni tal-fatti relatata minn Nazzareno sive Ronald Xerri, magħquda mal-provi l-oħra diretti u indiretti mressqa mill-Prosekuzzjoni għandha tiġi emmnuta b’mod li mhux biss l-imputazzjoni ta’ storn tirriżulta f’dan il-każ, iżda wkoll l-imputazzjoni tas-serq aggravat, b’dan li din il-Qorti tkun ukoll fid-dover li timponi

l-konsegwenza naxxenti mill-artikolu 141 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat appellat. Bid-dovut rispett jigi mtenni li dan kien każ verament gravi u serju kommess minn impjegat pubbliku li mar kontra l-interessi tal-Gvern ta' Malta u tas-socjeta' Maltija. Is-socjeta' Maltija giet affettwata negattivament minn dan ir-reat doppjament – ghaliex halset profumatament it-taxxi li permezz tagħhom ġew akkwistati dawn l-oġġetti u provvisti, u l-istess oġġetti u provvisti ma ġewx użati fejn, kif u minn min kien intitolat għalihom. Dannu doppju. U dan grazzi għall-għemil tal-imputat appellat li seraq dawn l-oġġetti sabiex jagħmel qligħ personali minn proprjeta pubblika – għemil deplorevoli u li bl-ebda mod ma għandu jiġi tollerat f'soċjeta' ċivili bħal ma tipprospetta li hi dik Maltija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi dan l-appell jirrigwarda principalment l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk din l-Ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setgħetx tasal raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li din waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti sabiex din il-Qorti tiddistruba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. (Ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: 'Il-Pulizija vs Raymond Psaila et (12.5.94); 'Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi (14.02.1989); 'Il-Pulizija versus Carmel sive Chalmer Pace (31.05.1991); 'Il-Pulizija versus Anthony Zammit (31.05.1991).

Dan il-kriterju jgħodd ukoll għall-appelli magħmulin mill-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 413(ċ) tal-Kap 9. (Ara 'Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg' (06.05.2002) u 'Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et (21.03.2003).

Illi din il-Qorti għalhekk għamlet eżami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha meta ma sabitx lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Skond is-Supretendent Pierre Calleja, il-Pulizija kienet għamlet stħarriġ dwar ħruġ ta' proviżjonijiet tal-Isptar San Luqa. Fid-29 ta' Lulju 2000 kienu ngħataw struzzjonijiet lil PS 845 Peter Cini u żewġ kuntistabbli li fl-istess jum interċettaw van ta' kulur blu bin-numru tar-reġistrazzjoni CAO-016 li kien misjuq minn Nazzareno Scerri. Kien konstatat fhiex kienu jikkonsistu l-proviżjonijiet. Xehdu dwar dan l-Ispettur Noel Cutajar (fol 40) u PC 390 Joseph Ellul (fol 45).

Il-Pulizija kienet irċeviet videotape anonimament li kien esibit fl-atti. Fil-videotape jidher il-vann u l-proviżjonijiet jiġu trasportati minn ġewwa l-maħżen għal ġewwa l-vann.

Fl-istqarrija tiegħu magħmula fit-30 ta' Lulju 2000, l-appellat qal li Nazzareno Scerri kien mar għall-ħabta tas-12.40pm. Huwa ddeskriva x'ġab u l-Pulizija elenkat x'affarijiet instabu fil-vann (fol 29). L-appellat li ma kellu xi jgħid xejn dwar dan. Huwa ma rrispondiex ukoll meta l-Pulizija urietu li kienet qed tissuspetta li l-proviżjonijiet li nstabu fil-vann ta' Nazzareno Scerri kienu ħarġu mill-Isptar.

Fit-tieni stqarrija tiegħu l-imputat wieġeb 'M'hu veru xejn' meta l-Pulizija staqsietu dwar ftehim biex jinqasam il-qligħ li jsir mill-bejgħ tal-oġġetti li jinħarġu mill-Isptar b'75% jmur għall-appellat u 25% jmorru għal Nazzareno Scerri. Huwa qal ukoll li qatt ma kien hemm xi differenzi bejnu u bejn Nazzareno Scerri. Huwa qal ukoll li l-entries fuq il-Ledger books jagħmilhom hu biss.

Fit-tielet stqarrija tal-appellat, li ttieħdet wara li kien intwera l-video, l-appellat ma wieġeb għal xejn. (fol 36).

Sar internal audit (ara xiehda ta' Raymond Scicluna a fol 48, ta' Mario Agius fol 63 u ta' Vincent Aquilina a fol 65). Ir-riżultat kien li ħafna mill-oġġetti kienu over, jiġifieri meta tnaqqas il-physical stock mill-balances fil-ledger kien hemm over stock. Kienu ftit il-każi fejn sabu anqas stock minn dak indikat fil-Ledger. (Ara wkoll fol 52 sa 58 ).

Lawrence Cutajar xehed (fol 60) li l-appellat kien uffiċjal inkarigat mill-istores u kellu grad ta' prinċipal. L-istess ikkonferma Frank Attard a fol 62.

L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli (ara fol 68 fil-konfront ta' Nazzareno Scerri biss.).

Ingħatat sentenza fil-konfront ta' Nazzareno Scerri li kien ikkundannat 15-il xahar priġunerija sospiżi għal sena. (fol 90).

Xehed ukoll Martin Bajada, espert maħtur mill-Qorti, li qal li seta' jgħid fiċ-ċert illi mir-reġsitrazzjoni li tirriżulta mill-video esibit ma hemm l-ebda manipulazzjoni fis-sekwenzi.. (fol 105). (Spejjeż Lm52.90 u Lm33.34 fol 159).

Fil-verbal tat-30 t'Ottubru 2002, il-Qorti awtorizzat lill-Prosekuzzjoni biex jipproduċu bħala xhud lill-ko-akkużat Nazzareno sive Reno Xerri li l-kawża tiegħu kienet deċiża fis-26 ta' Novembru 2001 wara li l-Prosekuzzjoni kienu talbu u ottjenew separazzjoni tal-ġudizzju.

Fit-13 ta' Frar 2003, Xehed Nazzareno Scerri li qal kien l-appellat li kien inkarigat mill-Provision Stores (fol 126). Huwa kompla jixhed hekk:

'L-arranġament bejni u bejn l-imputat (l-appellat) kien illi jiġu mgħobbija xi affarijiet mill-istore in kwistjoni u dawn l-affarijiet huwa jbiegħhom. Jiena kont nieħu 25% tar-rikavat u l-imputat (l-appellat) kien jieħu 75%. L-oġġetti, billi kienu jinbiegħu minni, il-flus kienu jkunu għandi u jiena lill-imputat kont intih sehmu…..Kien hemm aktar minn okkażjoni ta' darba meta għamilna hekk.

Omissis

Fil-video għaraft lili nnifsi u lill-imputat (appellat).

Omissis

Hemm siltiet oħra f'dan il-video li juru lili ngħabbi affarijiet mill-istore għal ġol-vann. F'dawn l-okkażjonijet huwa minnu illi l-affarijiet ma kinux qed jitteħdu bis-sewwa.

Omissis

'Fil-fatt f'xi siltiet jidher ukoll l-imputat fil-video.' (fol 129)

PS 516 Alfio Borg ħa għaxar ritratti tal-provisions fuq inkarigu mogħti mill-Qorti fl-14 ta' Frar. (fol 135).

L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli fil-konfront ta' Frank Farrugia (fol 140) u semma dawn l-artikoli:

127, 261(c), 267, 279(b), 280, 141, 334, 31, 17(b), 20, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Nazzareno Scerri kien riprodott (fol 161) **(12 t'April 2005)** waqt li kien qed jintwera l-video. Huwa identiifka l-post bħala l-istores tal-Isptar San Luqa. Huwa identifika lill-appellat. Huwa identifikah ukoll bħala l-persuna li ħarġet mill-istores b'baskett f'idejh. Reġa' identifika lill-appellat ħiereġ mill-istores iġorr baskett u dieħel lura l-istores mingħajr basket. Huwa qal ukoll li fil-video jidher li l-istess xhud jgħabbi xi ħaġa fil-vann li kien qed iġorr fuq il-karru. Il-kaxxi kien lestihomlu l-appellat (fol 162). Ix-xogħol li kien jgħabbi minn fuq il-vann kienu preserves.

A fol 163, ix-xhud qal li kien qed jagħraf lill-appellat u lill-istess xhud qed jgħabbu xi ħaġa mill-istores għal ġol-vann. Ix-xhud reġa' kkonferma li l-kontenut tal-kaxxi kienu preserves u l-ftehim dwar kif kellu jinqasam il-qligħ bejnu u bejn l-appelllat. (fol 163 fl-aħħar paragrafu). L-attivita' saret xi ħames darbiet.

L-istess xhud xehed in kontro-eżami fit-**23 ta' Novembru 2006**. Huwa spjega kif kien ottjena l-kuntratt. Il-kumpanija kienet tiegħu u ta' ħuh. Huwa qal ukoll
li kien ammetta l-każ kontrih u l-kuntratt baqa' jiġi rispettat. Mistoqsi dwar x'hiex ġejt akkużat jiena, ngħid li għaliex konna biddilna xi affarijiet li kienu ħżiena, vuoldieri li meta għamilna l-konsenja kien hemm xi merkanzija skaduta, jew mhix tajba, proprjament u biex inkun aktar eżatt l-akkuża li jiena kont qiegħed niffaċċja kienet ta' xi bejgħ li kien għamilli l-imputat ta' preservijiet. (fol 180).

Xiehda tal-imputat.

L-imptutat xehed fil-15 t'Ottubru 2007. Huwa qalli Scerri ma kienx qal fuq l-verita'. Lil Xerri ġieli kien irrifjutalu xi xogħol. Meta l-preserves kellhom expiry date fil-viċin huwa kien jibagħtu bihom lura. L-appellat ikkonferma li fil-filmat jidher hu stess (fol 187). Scerri kien jieħu l-kontenituri vojta. L-appellat ma kienx ikun hemm kull darba li Scerri jmur jagħmel is-supplies u x-xogħol mhux dejjem kien jivverifikah hu. Huwa kien responsabbli mix-xogħol amministrattiv. Dwar il-fimat huwa qal li kien jassisti lil Scerri biex jieħu xi prodotti lura.

Fil-kontro-eżami huwa qal li huma kienu jaċċettaw kollox diment ovvjament illi l-prodott kien għadu entru t-terminu tal-expiry date. Jekk il-prodott ma jkunx lahaq ġie kkunsmat kienu jibagħtuh lura u dan kienu jirreġistrawh.

Huwa qal ukoll li l-video kienu wrewhulu l-Pulizija u li ma kien sar ebda theddid.

Id-difiża u l-Prosekuzzjoni ssottomettew noti ta' sottomissjonijiet.

.

Il-Qorti għarblet l-argumenti miġjuba mid-difiża.

Id-difiża ssottomettiet li ma kienx konsultat l-Avukat Ġenerali skond ma jitolbu r-regolamenti dwar id-dixxiplina.

Dwar dan il-Qorti qed tagħmilha ċara li biex tmexxi l-Pulizija m'hemmx bżonn il-kunsens tal-Avukat Ġenerali

sakemm xi Liġi speċjali ma tirrikjedix hekk. Oltre dan, dan ir-regolament qiegħed hemm għal dawk il-każi fejn hemm dubju jekk l-għemil magħmul mis-Civil Servant imurx kontra r-regolamenti tad-dixxiplina biss jew humiex reat li għandu jkun deċiż mill-Qorti Kriminali. Għaldaqstant il-Pulizija aġixxew tajjeb.

It-tieni sottomissjoni kienet dwar li l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali għandhom ikunu bbażati fuq l-imputazzjonijiet biss. Għalhekk l-artikolu 334 ma kellux jiġi ċċitat għax fl-imputazzjonijiet m'hemm ebda referenza għar-riċetazzjoni bħala alternattiva. Il-Qorti qed tqis din is-sottomissjoni valida.

It-tielet sottomissjoni hija dwar l-artikolu 127 u l-artikoli dwar is-serq. Is-sentenza ppreżentata mill-Avukati Difensuri dwar dan il-punt – 'Il-Pulizija versus Alexander Zammit et' tat-13 ta' Marzu 1998 hija ċara dwar id-distinzjoni li wieħed għandu jagħmel bejn iż-żewġ reati msemmija.

Ir-raba' sottomissjoni hija dwar l-istqarrijiet magħmulin minn Nazzareno Scerri. Id-difiża hija korretta li tali stqarrijiet ikunu validi biss bħala prova kontra min jagħmilhom iżda mhux kontra terzi. Il-Qorti mhix ser tistrieħ fuq dawn l-istqarrijiet hija u tagħmel l-analiżi tal-provi tal-Prosekuzzjoni. Madankollu m'għandhomx ikunu sfilzati għax dawn jistgħu dejjem jintużaw bħala forma ta' kontroll.

Il-ħames sottomissjoni (immarkata D u qegħda a fol 204) hija dwar l-indispensabbilita' li ssir inkjesta fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni minħabba li dak li jipprovdi l-artikolu 349(2) tal-Kodiċi Kriminali. Xejn ma hu ta' ostakolu li l-Pulizija ġġib il-provi tagħha u imbagħad sta għall-Qorti li tiddeċiedi dwar l-ammissibbilita' ta' tali provi.

Dwar l-apprezzament tal-provi, id-difiża ssottomettiet li qatt ma kienet prodotta l-persuna li ġibdet il-filmat. Bir-rispett kollu, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diġa' daħlet fil-fond dwar kwistjoni bħal din fil-każ 'Il-Pulizija

versus David Sant' fil-15 t'Ottubru 2007 u din il-Qorti mhix qed tilqa' din is-sottomissjoni għall-istess raġunijiet mogħtija hemmhekk. Barra minn dan l-appellat stess għaraf lilu nnifsu f'dan il-video u ma tistax provi bħal dawn ikunu skartati għax ma tinġiebx il-persuna min ġibidhom. Illi hawn ħafna security cameras ma' kullimkien. Allura jekk jinqabad persuna jwettaq xi reat fuq xi filmat, dan il-filmat ma jiswiex bħala prova għax dan ikun għaddej mingħajr intervent uman għal żmien twil?

Id-difiża wkoll issottomettiet li x-xiehda ta' Nazzareno Xerri hija ta' xhud li ex admissis kien partecipes criminis. Il-Qorti, waqt li tilqa' s-sottomissjoni li tali xiehda trid tittieħed b'kawtela, bl-ebda mod ma qed taċċetta s-sottomissjoni li din ix-xiehda ma tiswa xejn. Lanqas ma għandu wieħed jiskarta din ix-xiehda sempliċiment għax ix-xhud xehed wara li kien ħa s-sentenza u mhux qabel. Fil-maġġoranza tal-każi ta' natura simili, jew jiġifieri fejn hemm ko-akkużat, min jammetti l-ewwel jieħu s-sentenza u imbagħad jixhed. Dak li ġara f'dan il-każ ma kien xejn oriġinali jew differenti mis-soltu.

Id-difiza ssottomettiet ukoll li x-xhud Scerri wkoll semma li ġieli kellu jġorr l-affarijiet lura minħabba l-expiry dates tal-preserves. Bir-rispett kollu, ix-xhud Scerri tkellem ħafna ċar dwar x'kien l-arranġament. Huwa sinifikanti ħafna li l-kwistjoni tal-expiry dates issemmiet fil-kontro-eżami tal-istess Scerri li sar **aktar minn sena u seba' xhur** wara li kien riprodott biex jixhed. (Ara d-dati miktubin bold aktar 'il fuq.)

**Konsiderazzjonijiet finali.**

Din il-Qorti hija moralment konvinta li xehed bil-ġurament Nazzareno Scerri hija l-verita'. Qed tiskarta għal kollox l-istqarrijiet ta' dan l-istess xhud kif diġa' spjegat 'il fuq. Iżda meta qrat dak li qal Nazzareno Scerri għal darba, tnejn, tlieta, kkonkludiet li dan Scerri ma kellu ebda inkwiet mal-appellat (kif wara kollox qal l-appellat stess fl-istqarrija tiegħu) u ta dettalji skjaċċjanti ta' kif kien il-ftehim bejnu u bejn l-appellat.

Assolutament il-Qorti ma temminx li kienu jittieħdu lura biss il-preserves li kellhom l-expiry dates. Kieku kien hekk l-istess Nazzareno Scerri kien jeħles minn kull saram billi jagħti dik l-ispjegazzjoni jew lill-Pulizija jew inkella minn fuq il-pedana tax-xhieda jew b'xi mezz ieħor li kien għad-dispożizzjoni tiegħu. L-istess Nazzareno Scerri pprova jaċċenna għal xi ħadd fil-kontro-eżami tat-23 ta' Novembru 2006 iżda fl-istess nifs ikkoreġa lilu nnifsu meta qal 'jien kont qed niffaċċja akkuża ta' xi bejgħ li kien għamilli l-imputat tal-preservijiet.'

Il-Qorti hija konvinta minn dak li qal Nazzareno Scerri kemm minn dak li qal u, aktar u aktar, mill-mod kif qalu. Dak kien reġistrat kelma b'kelma fedelment mill-Ewwel Qorti u huwa l-verita' ta' x'ġara fid-29 ta' Lulju 2000 u fix-xhur ta' qabel.

Din il-Qorti ma taqbilx li l-appellat b'xi mod ta spjegazzjoni konvinċenti fuq livell ta' probabilita' meta qal li kienu jittieħdu lura l-oġġetti bl-expiry dates. Waqt li l-appellat kellu kull dritt li ma jixhidx u li ma jwieġeb xejn lill-Pulizija (kif filfatt għamel meta ntwera l-video), kien ikun ħafna aktar konvinċenti kieku ta spjegazzjoni bħal din there and then. L-appellat mhux xi bniedem bla skola għaliex kieku ma kienx ikun fdat bl-istores tal-provisions f'idejh. Spjega elementari bħal din kienet tiffranka proċess li dam sejjer għaxar snin. Fil-fehma ta' din il-Qorti x-xiehda mogħtija mill-appellat ma hi konvinċenti xejn. Mhux kulma jixhed xi imputat joħloq dubju, konflitt fil-provi jew tkun prova li tlaħħaq il-livell ta' probabilita'. Il-Qorti hija fid-dmir li tgħarbel sew dak li jingħad u tirrisolvi, jekk jista' jkun, kull konflitt u tagħraf jekk ir-raġunijiet mogħtija humiex konvinċenti jew le.

Lanqas m'hu konvinċenti li nstab overstocking meta sar l-audit. Dan l-overstocking aktar joħloq problemi għax jekk l-appellat kien responsabbli mil-Ledger il-physical stocktaking ried jaqbel preċiż mal-ledger apparti li hemm ċerti diskrepanzi konsiderevoli (ara fol 52 u 53).

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat kienet dik ta' storn. Id-difiża ppreżentat is-sentenza 'Il-Pulizija versus Alexander Zammit et' (13 ta' Marzu, 1998) li qalet hekk:

'Wieħed mill-elementi tar-reat ta' storn huwa li l-oġġetti inkwistjoni jkunu fdati lill-individwu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament tal-oġġetti, jew inkella jkun hemm it-teħid tagħhom invito domino li hu l-element tas-serq. Wieħed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-ieħor relattivament għall-istess fatt. '

L-istorn jipprospetta dawn l-elementi. Li wieħed ikun
(a) impjegat pubbliku u
(b) li għamel użu ħażin minn ħwejjeġ mobbli fdati lilu
(ċ) li kienu fdati lilu minħabba l-kariga tiegħu
(d) għall-vantaġġ privat tiegħu.

Fil-fehma tal-Qorti kienu ppruvati l-erba' elementi. L-impjegat kien altru milli responsabbli tal-proviżjonijiet u dawn ddispona minn xi wħud minnhom sabiex ikun jista' jdaħħal xi ħaġa fil-but hu.

Għalhekk l-ewwel imputazzjoni hija ppruvata.

It-tieni imputazzjoni hija dik ta' serq. Fid-dawl tal-ġurisprudenza iċċitata, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

L-Avukat Ġenerali daħħal ukoll l-artikolu 334 dwar ir-riċetazzjoni. Dan mhux rifless fl-imputazzjonijiet u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellat minn din 'l-imputazzjoni' .

L-Avukat Ġenerali bagħat ukoll l-artikolu 141. Skond l-istess sentenza ppreżentata mid-difiża:

'Mill-banda l-oħra r-raison d'etre tal-aggravju skond l-artikolu 141 tal-Kap 9 hija li l-kariga tal-individwu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku tkun timponilu d-dmir li jissorvelja biex ir-reat li jikkommetti hu nnifsu ma jsirx. (F'dak il-każ l-imputati kienu gwardjani tad-dwana u

kuntistabbli u kellhom jissorveljaw biex ma jiġix kommess is-serq li wettqu huma). Huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza li l-artikolu 141 msemmi huwa aplikabli għar-reati kollha 'barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali pubbliċi.'

Fil-każ odjern l-artikolu 127 jispeċifika x'inhuma l-pieni. Barra dan, waqt li l-appellat kellu f'idejh il-proviżżjonijiet iżda huwa ma kellux il-kariga li ma jħallix ir-reat isir. (Ara b'kuntrast il-fatti tal-każ ċitat)

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara raġuni għala għandha tapplika l-gravanti tal-artikolu 141.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 127, 261(c), 267, 279(b), 280, 141, 334, 31, 17(b), 20, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tħassar u tiirevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi tat-12 t'April 2010 fejn il-Qorti kienet illiberat lill-appellat minn kull imputazzjoni, u minflok qed issib lill-appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni, qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni, qed tilliberah ukoll mill-akkuża ta' riċetazzjoni u tal-gravanti tal-artikolu 141 mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fl-artikoli tiegħu. U, wara li rat il-fedina penali nadifa tiegħu u qieset li dan il-każ dam għaxar snin, qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sentejn li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-appellat l-artikolu 28A tal-Kap 9 b'mod partikolari bil-konsegwenzi tiegħu.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 qed tikkundanna wkoll lill-appellat iħallas lir-reħistratur l-ispejjeż tal-esperti mqabbdin mill-Qorti u li huma dawn (ritratti Lm15 u Lm86.24 –espert tal-video –total Lm101.24 jew €235.88 fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------